MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1304/2003

**A M Mangion Ltd**
**Vs**
**Miles Express Cargo Systems Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-30 ta' Ġunju, 2003 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex is-soċjeta' konvenuta tiġi ordnata tħallas is-somma ta' Lm 1,446 (elf, erbgħa mija u sitta u erbgħin lira Maltija) rappreżentanti danni ta' merkanzija trasportata mis-soċjeta' konvenuta.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Peress illi s-soċjeta' konvenuta kienet ġiet inkarigata mis-soċjeta' attriċi sabiex tittrasporta 'Life Saving Pharmaceuticals' lejn Malta sabiex dina tinġabar mis-soċjeta' attriċi;

Peress illi, waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' ġarr, is-soċjeta' konvenuta ħadet fil-pussess tagħha il-merkanzija

msemmija iżda naqset milli tieħu ħsbieb il-merkanzija refriġerata minkejja li ġiet speċifikament rikjesta lilhom minn barra;

Peress illi bħala riżultat, meta l-merkanzija nġabret fit-28 ta' Ġunju, 2003 mis-soċjeta' attriċi, il-merkanzija ma kienitx użabbli u kellha tintrema' għax ma setgħetx tintuża għall-bżonn minnha rikjest;

Peress illi minkejja interpellata diversi drabi sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, is-soċjeta' konvenuta xorta waħda baqgħet inadempjenti;

Tgħid għalhekk is-soċjeta' konvenuta, għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta naqqset milli tikkonsenja il-merkanzija lis-soċjeta' attriċi skond kif kien miftiehem bejniethom minkejja li dina kienet ġiet assenjata lilhom;
2. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta responsabbli għad-danni kkaġunati lis-soċjeta' attriċi;
3. Tillikwida d-danni hekk sofferti fis-somma ta' Lm 1,446 (elf, erbgħa mija u sitta u erbgħin lira Maltija) jew somma oħra verjuri;
4. Tikkundanna lis-soċjetaċ konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' konvenuta illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-soċjeta' konvenuta fejn ingħad illi:-

Talba kontestata stante li s-soċjeta' konvenuta mhix responsabbli għall-kawża/kawżi tad-danni allegatament sofferti mis-soċjeta' attriċi, liema danni setgħu ġew kaġunati minħabba nuqqasijiet ta' terzi persuni separati u distinti mis-soċjeta' konvenuta.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi din il-kawża tikkonċerna talba għall-ħlas ta' danni peress illi s-soċjeta' attriċi kienet ordnat xi mediċina urġenti mill-Ingilterra u l-prinċipali tagħhom inkarigaw couriers illi l-aġenti tagħhom kienet is-soċjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta infurmat lis-soċjeta' attriċi, talbithom istruzzjonijiet dwar konsenja u rilaxx u qalulha li kienu ser jieħdu hsieb huma biex jirrilaxxawha mingħand ta' l-ajruport.
Jirriżulta illi meta ħadu x-xogħol instab li ma kenitx utilizzabli l-mediċina billi kontra kull istruzzjoni ma tpoġġietx ġo sistema ta' refrigerazzjoni biex iżżomm ċerta kesħa, f'tali grad.
Mid-dokumenti esebiti mis-soċjeta' attriċi a fol. 21 sa 28 jirriżulta li kien hemm istruzzjonijiet stampati fuq sia il-pakkett innifsu (Dok. RV4), sia fil-packing slip mal-pakkett innifsu (Dok. RV7) u ukoll fl-airway bill (Dok. RV3).

Billi s-soċjeta' konvenuta tallega illi una volta li waslu Malta ma kienx hemm faċilitajiet ta' refriġerazzjoni lill-couriers biex dawn l-oġġetti jiġu refriġerati u fit-tieni lok li l-inkarigu tagħhom spiċċa meta ġew infurmati mis-soċjeta' attriċi l-pożizzjoni ta' l-istess oġġetti kellha issir minnhom stess.
Ill11i f'dan it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni illi s-soċjeta' konvenuta kienet l-aġent ta' din is-soċjeta' li tibgħat ix-xogħol hawn Malta u kellha inkarigu li tieħu ħsieb sakemm jaslu għand il-klient jew salv dispożizzjonijiet differenti. Mhux hekk biss. Illi una volta li telqu mill-Ingilterra, mill-prinċipal tas-soċjeta' konvenuta dawna kellhom jieħdu hsieb illi l-affarijiet li jaslu hawn Malta jiġu supliti lill-klijenti skond l-istess istruzzjoni. Dawn l-istruzzjonijiet kienu kollha jidhru.
Is-soċjeta' konvenuta una volta li waslu hawn Malta kellha tiehu ħsieb li tara li l-istess oġġetti jiġu magazinati kif indikat. Ma tistax tinħeba,
(1) fuq in-nuqqas ta' strutturi u / jew faċilitajiet li ma jeżistux fl-ajruport internazzjonali ta' Malta.
(2) is-soċjeta' attriċi tagħthom istruzzjonijiet li kienu ser jikklemjawhom mid-dwana huma stess.

Una volta li gew mogħtija dawn l-istruzzjonijiet u una volta li waslu hawn Malta, is-soċjeta' konvenuta kellha tara li dawn jiġu konsenjati jew ikunu disponibbli għas-soċjeta' attriċi fl-istat li ntbagħatu minn barra minn Malta. Il-fatt li tawhom istruzzjonijiet illi s-soċjeta' attriċi stess kellha tieħu x-xogħol mill-airport, m' għandhiex fl-ebda mod u manjiera tiġi nterpretata illi una volta li kellha dik l-informazzjoni, l-inkarigu tas-soċjeta' konvenuta spiċċa.
Il-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u allura ġie akkordat.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta thallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, erbgħa mija u sitta u erbgħin lira (Lml,446) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba kontra l-istess soċjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------